Lealtà

Ħelsien

Rispett

Ugwaljanza

Paċi

# L-IŻLAM: Perspettiva Ġdida

**Sa mill-bidu tagħha fl-1889, il-Komunità Aħmadija Musulmana ilha tmexxi sforz globali biex terġa' tqajjem mill-ġdid il-messaġġ veru u ta' paċi tal-Iżlam kif mgħallem mill-Profeta Qaddis Muħammad, il-paċi ta' Alla tkun miegħu.**

**Dan il-qawmien tat-tagħlim veru Iżlamiku nbeda mill-fundatur tal-komunità, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (il-paċi tkun miegħu) li qal:**

***"Il-missjoni li għaliha jien ġejt inkarigat hi li nneħħi dik il-qasma li qed tikber fir-relazzjoni bejn Alla u l-ħolqien Tiegħu u li nissostitwiha bir-relazzjoni ta' mħabba u sinċerità, u billi nħalli l-verità turi lilha nnifisha bid-dieher, tgħin biex jieqfu l-gwerer reliġjużi u n-nuqqas ta' armonija u b'hekk tqiegħed il-pedament għall-paċi."***



**Hu sostna taħt it-tmexxija Divina li hu l-Messija Mwiegħed u l-Imam Maħdi (Gwida), li l-wasla tiegħu kienet mistennija għal dan iż-żmien.**

Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija

B'din ix-xewqa għall-paċi, il-komunità tagħna kibret sew u issa stabbilixxiet ruħha f'aktar minn 198 pajjiż b'170 miljun membru.

Il-Mexxej Spiritwali tagħna tal-lum (Kalif) jibqa' leali lejn il-paċi u jfakkarna li: ***"L-Iżlam jgħallimna li dejjem inkunu konxji lejn Alla li hu l-Ħallieq tagħna u li dejjem inżommu l-memorja Tiegħu friska f'qalbna u li nħarsu lejn il-ħolqien Tiegħu bi mħabba, affezzjoni, armonija u tolleranza."***

**Bħala Aħmadin fl-Iżlam, aħna nemmnu li rridu nirrispettaw dawn il-valuri fil-ħajja tagħna ta' kuljum u dawn jgħinuna rrabbu sens ta' unità, koeżjoni, armonija u paċi fid-dinja kollha.**

| Lealtà | Ħelsien | Rispett | Ugwaljanza | Paċi |
|---|---|---|---|---|

## Imħabba għal Kulħadd
## Mibegħda għal Ħadd




## Min joqtol bniedem...ikun bħallikieku qatel il-bnedmin kollha. (Il-Koran: 5:33)

### Il-Messaġġ tal-Imħabba

Il-Komunità Aħmadija tħaddan il-prinċipji tal-paċi, tat-tolleranza, tal-imħabba u tar-rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Hija tikkundanna bil-qawwi l-vjolenza u t-terroriżmu ta' kull għamla jew raġuni.

### M'hemmx sfurzar fir-reliġjon

Kulħadd hu ħieles li jemmen, jipprattika, jgħallem jew isegwi kwalunkwe fidi tal-għażla tiegħu. L-Iżlam jenfasizza l-libertà tar-reliġjon għal kulħadd, iħalli lill-bniedem jimxi fuq ir-reliġjon tal-għażla tiegħu. Dwar dan, il-Koran Imqaddes jgħid: "M'għandux ikun hemm sfurzar fir-reliġjon." (2: 257). "Għalik ir-reliġjon tiegħek, għalija r-reliġjon tiegħi." (109: 7)

*"Musulman veru qatt ma jista' jgħolli leħnu b'mibegħda lejn iċ-ċittadini sħabu, għalhekk lanqas lejn l-awtorità jew gvern ta' dak iż-żmien. Hi r-responsabbiltà ta' kull Musulman veru li jibqa' leali u jobdi kompletament il-liġijiet tal-pajjiż li hu sudditu tiegħu."*
**(Ħażrat Mirża Masroor Aħmad – il-Kap dinji tal-Komunità Aħmadija Musulmana)**

Lealtà | Helsien | Rispett | Ugwaljanza | Paċi

# Imħabba għal Kulħadd

# Mibegħda għal Ħadd

**Għal iktar informazzjoni:**

**www.ahmadija.org.mt**

**www.ahmadiyyamalta.wordpress.com**

**Email:**
**amjmalta@gmail.com**
**Mob: 79320139**
**Tele: 21322105  Fax: 27322105**

**“Aħmadija...komunità żgħira b’qalb kbira. Komunità integrata li tgħin lill-batut.”**

*“Meta wieħed jara l-ħidma volontarja tal-komunità Aħmadija f’Malta, u dak li tat lura lis-soċjetà, wieħed jista’ faċilment jasal għall-konklużjoni li din hi komunità attiva ħafna u li bis-serjetà temmen li għandha tgħin b’kull mezz lil dawn inqas ixxurtjati.”*
**(IT-TORĊA: Il-Ħadd 27 ta’ Ġunju, 2010)**

## L-Assoċjazzjoni Aħmadija Musulmana Malta

*Introduction of Ahmadiyya Muslim Jamaat in Maltese*